# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 105/2014**

Il-Pulizija

vs

**Roderick Grech**

iben John, imwieled Attard, fis-26 ta’ Dicembru, 1975, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 66776(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roderick Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta’ Gunju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Jennifer Grech u/jew uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.”

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Roderick Grech hati skont l-akkuza dettota kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Grech ipprezentat fit-13 ta' Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skont il-ligi. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi preliminarjament l-aspett tal-validita tad-digriet,[1] hu l-qofol tal-kaz ghax il-kaz hu bbazat fuq id-digriet. Illi dan qed jinghad ghax id-digriet li nghata fit-19 ta' Settembru, 2012, fejn gew indikati il-kundizzjonijiet *'pendente lite',* qatt ma giet segwita minn kawza civili fit-terminu stipulat mill-ligi. Illi ghalhekk, mhux biss l-effett tad-digriet sfuma ghal kollox imma intuza digriet li ma kellux effett fil-ligi liema haga hi ghal kollox inaccettabbli: Dok. 'A'!

2. Illi grazzi ghas-suespost agir xejn accettabbli, l-imputat gie kundannat ghall-perijodu ta' prigunerija liema piena qatt ma setghet tigi mposta u dan apparti mill-fatt li s-sitwazzjoni hi ghal kollox irregolari u effettivament is-sentenza hija nulla. Illi, ghalhekk, mart l-imputat timmerita mhux biss canfira imma wkoll li jittiehdu passi legali kontriha talli svijat il-Qorti f'dan ir-rigward biex tehles mill-imputat, basta li tippercepixxi l-flus li hu l-unika haga ta' interess ghaliha.

3. Illi *di piu*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imputat wera bic-car li hu kien verament johrog flus kif suppost u kif hu wara kollox id-dover tieghu fejn wara li kien gie suggerit mill-ufficcjali tal-pulizija biex igib ghall-inqas dikjarazzjoni minn fejn jixtri, l-imputat hekk ghamel liema figuri u infieq juru b'mod car li l-imputat wera bil-fatti l-obbligi tieghu bhala missier. Illi din il-haga ma gietx apprezzata mill-ewwel qorti.

---

[1] Debitament ezibit fl-atti.

4. Illi gie ippruvat li l-imputat jiehu t-tfal ghal hafna drabi fost il-gimgha, minghajr l-icken diffikulta mill-omm *cum* parti leza u dan peress li b'dan il-mod, l-parti leza tiffranka milli tonfoq mis-somma ta' €400 li qed tippercepixxi u hi tkun tista' tiffoka fuq il-wild li ghandha mir-relazzjoni attwali li ghandha ma' ragel iehor, li qed jghix maghha u mal-genituri tal-parti leza!

5. Illi waqt il-provi, l-imputat wera bil-fatti li apparti mill-flus ghall-manteniment, kien qed johrog sew fir-rigward dawk necessarji ghas-sahha kif ukoll ghall-edukazzjoni, liema haga l-parti leza baqghet fil-muta ghal kollox. Illi hu bizzejjed meta gie ppruvat li anki ghat-trasport ghat-tfal biex imorru l-iskola, l-imputat wera li hu kien qed johrog kollox filwaqt li l-parti leza m'ghamlet xejn minn dan.

6. Illi bl-ebda mod is-suespost punti m'ghandhom jigu kunsidrati bhala punti ezawrenti. Illi dan qed jinghad, fost affarijiet ohra, ghax din il-kawza nstemghet flimkien ma' tlett kawzi ohra u il-provi intuzaw kollettivament.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad is-segwenti u cioe' hawn si tratta ta' principji kardinali fil-kamp penali fosthom:-

- *in dubio pro reo*, peress li l-parti leza wriet nuqqas serju ta' konsistenza fix-xhieda taghha meta l-imputat ipprova bil-bosta li hu kien qed jiehu hsieb it-tfal u qed jonfoq iktar mis-somma ndikata fid-digriet biex b'hekk hu ottempera ruhu sew mal-obbligi tieghu;

- hi svijat l-ewwel qorti billi ma ppruvatx u fil-fatt ma fethetx kawza fit-terminu li jitlob il-ligi biex b'hekk uzat digriet li kien bla effett fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li ntlahqet transazzjoni fil-meritu. Il-parte civile ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Roderick Grech fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tillibera lil Roderick Grech taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijijet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.